



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14710/21
ADD 1

LIMITE

SAN 735
PHARM 215
COVID-19 410
PROCIV 162

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Diċembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 766 final/2 - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tar- Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar it-tnejn u r-rispons għall-pandemija u ta' negozjati biex isiru emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 766 final/2 - ANNEX.

Mehmuż: COM(2021) 766 final/2 - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 1.12.2021
COM(2021) 766 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali dwar it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji u ta' negozjati biex isiru emendi komplementari għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005)

ANNEX

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' FTEHIM INTERNAZZJONALI DWAR IT-THEJJJA U R-RISPONS GĦALL-PANDEMIJI U GĦAN-NEGOZJAR TA' EMENDI KOMPLEMENTARI GĦAR-REGOLAMENTI INTERNAZZJONALI TAS-SAĦĦA (2005)

Fil-qafas tal-proċess intergovernattiv stabbilit fid-Deċiżjoni SSA2/CONF./1Rev.1 tas-sessjoni Speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa (WHA) tad-29 ta' Novembru sal-1 ta' Diċembru 2021, li tipprovdi forum ta' negozjar inklussiv dinji, il-Kummissjoni se timmira li tinnegoza ftehim internazzjonali dwar it-thejjja u r-rispons għall-pandemiji¹ (minn hawn 'il-quddiem "Ftehim dwar il-Pandemiji"). Il-Kummissjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, għandha tagħmel hilita biex tikseb eżitu negozjat komprensiv, li jinkludi l-oġettivi u l-prinċipji deskritti hawn taħt, billi tibbaża fuq it-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19, u fid-dawl tat-thejjja għal emerġenzi possibbli tas-saħħa pubblika fil-futur.

Il-Ftehim dwar il-Pandemiji, li jenħtieġ li jikkomplementa r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa (2005) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ IHR), se jistabbilixxi obbligi sostantivi u legalment vinkolanti għall-Partijiet fih li huma mmirati primarjament lejn:

- il-prevenzjoni u l-kontroll;
- id-detezzjoni u r-rappurtar kif ukoll
- it-thejjja għal theddidiet ta' pandemiji u r-rispons għalihom.

Jenħtieġ li l-obbligi sostantivi jiġu inkwadri, inkluż fil-preambolu tal-Ftehim dwar il-Pandemiji, b'sensiela ta' oġettivi u prinċipji ġenerali, bħad-dritt għat-tgawdija tal-ogħla standard ta' saħħa li jista' jinkiseb, is-solidarjetà internazzjonali, l-aċċess ekwu għal kontromiżuri kontra l-pandemiji (eż. tagħmir protettiv personali, aċċess għat-tilqim, it-terapiji u d-dijanostika, is-servizzi mediċi u tal-kura soċjali), l-approċċ "Saħħa Waħda", il-ħtieġa li jiġu indirizzati r-rabtiet mill-qrib bejn is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u ambjentali, u ċ-ċentralità tal-kooperazzjoni multilaterali dwar is-saħħa u d-WHO fil-governanza globali tas-saħħa.

Jenħtieġ ukoll li l-Ftehim dwar il-Pandemiji jinkludi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu:

- il-qafas istituzzjonali
- regoli dwar aktar tfassil ta' regoli;
- mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' responsabbiltà;
- approċċi ta' thejjja "ta' gvern sħiħ"/transettorjali li jwasslu għall-aħjar mobilizzazzjoni tal-kompetenzi u r-risorsi kollha u koerenza fil-prevenzjoni u r-rispons għall-pandemiji; kif ukoll
- għajnuna teknika u bini tal-kapaċitajiet għall-implimentazzjoni.

B'mod partikolari, Ftehim dwar il-Pandemiji effettiv se jirrikjedi investiment sinifikanti fl-appoġġ għall-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ li jinkludi:

- It-tisħiħ tal-kapaċità tad-WHO li tappoġġa l-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa ċentrali nazzjonali u reġjonali għall-prevenzjoni, it-thejjja, id-detezzjoni u r-rispons għall-pandemiji;

¹ Dan l-isem jindika ftehim skont it-tifsira tal-Artikolu 2.1 (a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati u huwa mingħajr preġudizzju għall-isem li jagħżlu fl-aħħar mill-aħħar il-firmatarji tal-ftehim, eż. konvenzjoni, trattat jew ftehim.

- Għajnuna teknika u bini tal-kapaċitajiet b'saħħithom għall-pajjiżi bi dħul baxx u dħul baxx medju mmirati lejn:
 - l-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim dwar il-Pandemiji u tal-impenji relatati tal-IHR;
 - it-titjib tal-mekkaniżmi nazzjonali u reġjonali għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji (fosthom mekkaniżmi ta' koordinazzjoni interaġenzjali u intersettorjali); kif ukoll
 - it-titjib tal-kapaċitajiet tas-sistemi tas-saħħa fil-qasam tat-tħejjija u r-rispons għal pandemiji, anki billi jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa soċjali għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u r-rispons għall-emerġenzi tas-saħħa pubblika li jkollhom il-potenzjal li jsiru pandemiji, kif ukoll l-iżvilupp u l-użu ta' għodod diġitali tas-saħħa u tal-kura soċjali.

Jenħtieġ li l-Ftehim dwar il-Pandemiji jimmira li jistabbilixxi dispożizzjonijiet u impenji sostantivi speċjalment fl-oqsma ewlenin indikati hawn fuq, filwaqt li jwitti t-triq għal negozjati futuri, anki permezz ta' protokoll supplimentari. Id-dispożizzjonijiet legalment vinkolanti jistgħu jiġu kkomplementati b'dispożizzjonijiet mhux vinkolanti (bħal linji gwida, standards u dikjarazzjonijiet).

Jenħtieġ li l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet ta' integrazzjoni (ekonomika) reġjonali jitħallew isiru partijiet għall-Ftehim dwar il-Pandemiji jew għal kwalunkwe wieħed mill-protokoll tiegħu. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll arranġamenti speċifiċi għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u ma' partijiet ikkonċernati mhux governattivi.

Fid-dawl tal-urġenza tas-suġġett tal-Ftehim dwar il-Pandemiji, jenħtieġ li tiġi prevista l-possibbiltà li jiġi applikat proviżorjament, sakemm isiru r-ratifiki, sabiex tibda l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Pandemiji kemm jista' jkun kmieni.

Jenħtieġ li jiġu previsti wkoll perjodi ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni mill-pajjiżi bi dħul baxx medju u bi dħul baxx u jiġi previst ukoll l-appoġġ relatat għall-implimentazzjoni.

L-oġettivi tat-tħejjija u r-rispons għall-pandemiji segwiti permezz tal-Ftehim dwar il-Pandemiji jistgħu jeħtieġu emendi komplementari għall-IHR. Jenħtieġ li dawn l-emendi jkollhom l-għan li jiċċaraw u jsaħħu d-dispożizzjonijiet eżistenti tal-IHR u jżidu l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, filwaqt li jiżguraw il-komplementarjetà u l-kompatibbiltà bejn tali emendi u d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Pandemiji.

Il-Kummissjoni se tirrappreżenta lill-Unjoni fil-korp ta' negozjar intergovernattiv inkarigat mill-iżvilupp ta' Ftehim dwar il-Pandemiji, kif stabbilit fid-Deċiżjoni tad-WHA SSA2/CONF./1Rev.1, u lil kwalunkwe korp preparatorju jew korp relatat, u se tirrappreżenta lill-Unjoni wkoll fil-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tisħiħ tat-Tħejjija u r-Rispons tad-WHO għall-Emerġenzi tas-Saħħa relatat mal-iżvilupp ta' emendi komplementari għall-IHR biex issaħħu l-IHR, u fin-negozjati sussegwenti tagħhom.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel hiliha biex tiżgura li l-Ftehim dwar il-Pandemiji u kull emenda komplementari possibbli għall-IHR ikunu konsistenti mal-leġiżlazzjoni u l-politiki rilevanti tal-Unjoni, kif ukoll mal-impenji tal-Unjoni skont ftehimiet multilaterali rilevanti oħra.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tmexxi n-negozjati f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni fis-seħħ.